# *Qima lejn*

# il-Levita San Lawrenz fis-Siġġiewi

*minn Lorenzo Zahra*

Mhux għaġeb illi l-qima lejn il-Levita Lorenzo daħlet ukoll ġewwa s-Siġġiewi. Dan għaliex il-qima lejn San Lawrenz fl-imgħoddi nfirxet mal-gżira.

Is-Siġġiewi għandu artijiet imdawra bi ġmiel tal-kampanja tiegħu magħrufa bħala l-Lawrenti li ma jfissirx ħaġa oħra għajr l-isem ta' Lorenzo. Xi drabi fuq pjanti qodma nsibu din l-art imsejħa 'San Lorenzo'. Dan jista' jkun għaliex xi nobbli li kienu joqogħdu fil-Birgu taw dan l-isem lill-artijiet tagħhom.

Huwa fatt però illi fuq 'il-Għolja' kien hemm knisja ddedikata lil San Lawrenz. Illum din hija pprofanata għal kollox u hija proprjetà privata. "San Lawrenz ta' l-Għolja", kif kienet magħrufa din il-knisja, taf l-oriġini tagħha lil familja nobbli mill-Birgu magħrufa għall-benefizzi tagħha wkoll fil-Birgu u li kienet waqqfet din il-knisja f'ġieħ San Lawrenz sa mis-sena 1670. Kienet is-Sinjura Katerina Gauci tal-Birgu li waqqfet fl-artijiet tagħha din il-



*Kwadru ta' San Lawrenz, xogħol ta' G. Calì, li llum jinsab fil-Kunvent Franġiskani Kunventwali ta' B'Kara. Jingħad li dan il-kwadru kien fil-Knisja ta' San Lawrenz, li llum tinsab profanata.*



*Illum residenza privata, dik li qabel kienet knisja ddedikata lil San Lawrenz.*

knisja u li stabbilietha bħala Giuspatrunat-Lajkali tal-familja. Binha Gian Luqa f'testment tat-28 ta' Ottubru 1670 offra ġenerożament xi oġġetti meħtieġa għas-servizzi f'din il-knisja u kien jieħu ħsieb ukoll jara li jsir quddies kif ukoll li jiġi ffesteġġjat kif jixraq il-Jum ta' San Lawrenz Levita. Fl-att għand in-Nutar Natal Parmeggiano jidher li kien offra l-ħtiġijiet għas-servizzi f'din il-knisja.

Għal bosta snin kien hemm Dun Giov Battista Farrugia mis-Siġġiewi jmexxi s-servizzi. Imm wara żmien, fl-1880, minħabba l-bogħod kienet intelqet u kważi ġiet abbandunata, tant li l-eredi Giuseppi u Angelika Sapiano riedu jirranġawha mill-ġdid u riedu wkoll li jiddedikawha lill-Madonna tar-Rużarju minflok lil San Lawrenz biex hekk iqajmu mill-ġdid il-ħidma f'dik il-knisja.

Għal din ir-raġuni huma talbu l-permess ta' l-Awtorità tal-Knisja. Imma l-Kappillan tas-Siġġiewi kien oppona għax kien deherlu li l-Knisja kienet filjali tas-Siġġiewi.

Naturalment huwa kien wera diversi provi biex isaħħaħ dan, imma l-każ kien deċiż mod ieħor. Il-Kappillan kien wera l-kotba biex anke juri s-sehem tiegħu u tal-kleru tas-Siġġiewi f'dik il-knisja. Iżda billi l-knisja sa mill-bidu tagħha kienet Giuspatronata tal-familja Illustri Vittoriosana Gauci, il-knisja ġiet f'idejn il-privat u llum għalhekk, minkejja li ħafna għadhom jafuha bħala l-Knisja ta' San Lawrenz, ma hi xejn aktar għajr residenza privata.

Mhux li kien li l-proprjetarji jibqgħu jfakkru lil San Lawrenz li l-fundaturi Gauci tant u tant kienu jħobbu!

**Referenzi:**

AAM
Sup. Vol. 96 p.1.

**FRANK ZAMPA JEWELLERY**

*Specializing in
Engagement Rings, Large Assortment
of all kinds of Diamonds, Gold & Silver Articles*

**37 St. Lucia Street, Valletta Tel: 2123 7654**
**159, St.Lucia Street, Valletta Tel: 2123 9515**
**31, Old Treasury Street, Valletta Tel: 2124 6711 Fax: 2123 3770**